# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

## IMHALLEF

## ONOR. *JOSEPH R. MICALLEF* LL.D.

Illum, 16 ta' Marzu, 2001.

Kawza Nru. 7.
Citazz. Nru. 2060/00 JRM

**Edward BORG, f'ismu proprju u ghan-nom ta' BORG COLD STORES Ltd**

**vs**

**COSMOLINE LIMITED**

## Il-Qorti,

Dan huwa degriet moghti ghall-finijiet tal-artikolu173 tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili ta' Malta, fuq talba tal-attur nomine rigward il-validita' tal-Avviz tas-Smigh tal-kawza;

Il-kaz inqala' minhabba li, fl-imsemmi Avviz tas-Smigh, isem il-kumpannija mharrka qieghed muri bhala "Cosmoling Limited" filwaqt li fl-Att tac-Citazzjoni u fid-Dikjarazzjoni mehmuza mieghu, isem l-istess kumpannija huwa muri bhala "Cosmoline Limited". B'konsegwenza ta' dan, l-isem tal-kumpannija mharrka fuq il-lista tal-kawzi qieghed jidher ukoll differenti mill-isem tal-kumpannija muri fuq l-Att tac-Citazzjoni;

Ir-Riferti juru li l-kumpannija mharrka laqghet l-Att tac-Citazzjoni u l-Avviz tas-Smigh fl-20 t'Ottubru, 2000 (pagni 11 u 12 tal-process);

Il-kumpannija mharrka ma ressqitx Nota tal-Eccezzjonijiet:

Il-Kodici tal-Procedura huwa ghal kollox nieqes minn disposizzjonijiet li jirregolaw it-thejjija tal-listi tal-kawzi u t-twassil tal-Avviz tas-Smigh taghhom. Huwa biss fil-kaz ta' kawzi li qeghdin quddiem il-Qorti tal-Appell li dawn l-aspetti huma regolati [artikolu 152 tal-Kodici tal-Procedura];

Il-ligi [art. 157] torbot lil min jaghmel il-kawza bir-responsabbilita' li jiehu hsieb li, permezz tar-Registratur, jinnotifika lill-parti mharrka b'kopja tac-Citazzjoni, tad-Dikjarazzjoni mahlufa u, jekk ikun il-kaz, b'kopja ta' kull affidavit li jista jkun hemm. Il-ligi ma titfa' fuq l-attur l-ebda responsabbilta' dwar l-Avviz tas-Smigh;

Illi nuqqas fl-Avviz tas-Smigh jirrendi nulli u bla effett legali il-proceduri kollha li jkunu saru quddiem il-Qorti b'effett minn dak inhar li nhareg tali Avviz [ara sentenza tal-Qorti tal-Appell tal-**5 t'Ottubru, 1998**, fil-kawza fl-ismijiet *Alfrida Borg et vs Carmen Camilleri et* (Kollezz. Vol. **LXXXII.ii.577**)];

Illi nuqqas fl-Avviz ma jgibx in-nullita' tal-atti li pprecedewh jew li bis-sahha taghhom inhareg;

Illi l-ligi [art. 175(3)] taghti lill-Qorti s-setgha li, minn jeddha u sa dak inhar li taghti s-sentenza, ssewwi kull zball amministrattiv f'att gudizzjarju;

Ghaldaqstant, ghall-finijiet tal-artikolu 173 tal-Kap12 u fid-dawl tal-premess, il-Qorti qeghda:

Tordna li l-Avviz tas-Smigh tal-kawza jissewwa billi l-isem tal-kumpannija mharrka muri bhala "Cosmoling Limited" jinbidel bl-isem **"Cosmoline Limited",** konformement mal-isem muri fl-Att tac-Citazzjoni; u

Tordna wkoll li ssir in-notifika mill-gdid tal-Avviz tas-Smigh tal-kawza lill-kumpannija mharrka a kura tal-attur *nomine.*

**Moqrija.**

**ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.**
**16 ta' Marzu, 2001.**

**Charles Falzon**
**Deputat Registratur**
**16 ta' Marzu, 2001.**